MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2001

Avvi$Z Numru. 283/1999/1

**Avviz Nru:- 283/99DM**

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta’ estera Avon Insurance p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet ta’ l-assigurata taghha Marisa Bugeja abbazi tal-polza ta’ assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Marisa Bugeja**

**vs**

**Saviour Zarb**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenut sabiex previa kull dikjarazzjoni ta’ responsabbilita skond il-Ligi jhallas lis-socjeta’ attrici Fogg Insurance Agencies Limited is-somma ta’ tlett mija u zewg liri Maltin u tnejn u tmenin centezmu (Lm302.82), jew somma ohra verjuri, ammont rapprezentanti d-danni sofferti mill-attrici assigurata taghha Marisa Bugeja, u li ghalihom ghamlet tajjeb is-

socjeta' attrici, u jhallas ukoll lill-attrici Marisa Bugeja is-somma ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25.00) ammont rapprezentanti excess payment, li ma kinux koperti mill-polza ta' assikurazzjoni, liema danni gew sofferti bhala rizultat ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fil-14 ta' April 1998 ghall-habta ta' 5.30 p.m. gewwa Burmarrad Road, Burmarrad bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JAE 889 proprjeta ta' l-attrici Marisa Bugeja u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta' registrazzjoni DAV 375, liema incident sehh unikament bhala rizultat ta' traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tad-19 t'Awissu 1998, ta' l-ittra ufficjali li qed tintbaghat kontestwalment ma' l-att tal-avviz lis-socjeta General Accident Assurance plc u interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-imsemmija ittra ufficjali tad-19 ta' Awissu 1998, sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Saviour Zarb fejn eccepixxa illi:

1. L-incident tat-traffiku meritu ta' dan l-Avviz ma garax tort u htija tal-eccipjenti, izda gara unikament tort u htija tas-sewwieqa Marisa Bugeja, li waqt li kienet qed issuq il-vettura numru JAE 889 naqset milli tosserva ir-regolamenti tat-traffiku b'rizultat li habtet mal-vettura.
2. Stante li dan l-incident ma garax tort u htija tal-eccipjenti, l-ebda ammont ma huwa dovut lill-atturi in linea ta' danni, liema danni kif mitluba huma esagerati.
3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal tal-1 ta' Marzu 2001 fejn il-konvenut iddikjara li mhux qed jikkontesta l-quantum tad-danni izda biss ir-responsabbilta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi l-provi relevanti dwar ir-responsabbilta ghal din il-kollizzjoni jikkonsistu esklussivament fid-deposizzjoni taz-zewg sewwieqa nvoluti ossia Marisa Bugeja l-attrici, u Saviour Zarb, il-konvenut.

Il-kontribut ta' PS 1133 Joseph Borg kien biss illi pprezenta l-isketch ta' kif sab il-vetturi minn fejn jirrizulta illi l-vettura tal-attrici waqfet meta kienet digia qasmet anke l-karreggjata tat-traffiku gej mid-direzzjoni opposta waqt li l-vettura tal-konvenut kienet f'nofs il-karreggjata tat-traffiku gej mid-direzzjoni opposta.  Minn dan l-isketch jirrizulta wkoll illi l-hsarat fuq il-vettura tal-attrici kienu mal-genb kollu tan-naha tal-lemin waqt li l-hsara fuq il-vettura tal-konvenut kienet fuq il-kantuniera tax-xellug ta' quddiem.

Waqt illi l-attrici issostni illi hija kienet ghamlet xi zmien wieqfa mal-'crown of the road' tistenna li jghaddi t-traffiku mid-direzzjoni opposta halli tkun tista taqsam il-karreggjata u ssostni wkoll li kellha l-indikator mixghul, il-konvenut jallega illi l-attrici kienet qeghdha ssuq fuq in-naha tax-xellug tal-karreggjata taghha u minghajr ebda sinjal qasmet f'daqqa wahda il-karreggjata tieghu minghajr ma taghtu ebda opportunita' li jista' jevadi l-habta.

Billi jirrizulta ikkontestat illi l-attrici kienet qeghda issuq fuq quddiem tal-konvenut ossia l-konvenut kien qieghed isuq wara l-attrici kien obbligu ikbar tal-konvenut illi jiehu l-prekawzjonijiet necessarji biex huwa jzomm distanza regjonevoli mit-traffiku ta quddiemi halli jkun ippreparat ghal kull emergenza li tista tinqala bil-waqfien tat-traffiku miexi quddiemu.

Ghalhekk jinkombi fuq il-konvenut illi jipprova illi hu kien qed izomm din id-distanza ragonevoli u illi kien attent b'dak li qieghed isir quddiemu.  Biex tirnexxi l-verzjoni tieghu jrid jipprova illi l-attrici ghamlet manuvra inaspettata

u minghajr ebda preavviz biex poggietu f'posizzjoni li ma setghax jevita l-iskontru.

Billi l-verzjonijiet tal-kontendenti huma djametrikament opposti huwa biss l-isketch illi jista' jipprovdi xi indizju dwar ir-responsabbilta u l-Qorti issib illi dan l-isketch ghandu certa rilevanza fl-indikazzjoni tal-posizzjoni tal-vetturi. In fatti jindika li l-vettura tal-attrici lahqet ittraversat ukoll il-karreggjata opposta u kienet digia dahlet fuq rampa fuq in-naha tal-lemin taghha, kollox indikattiv illi fiz-zmien qasir illi lahqet grat il-kollizzjoni bilfors kienet f'posizzjoni iktar vicina ghal 'crown of the road' milli kien qed jallega l-konvenut.

Inoltre l-posizzjoni tal-vettura tal-konvenut, li tidher li giet ukoll xi ftit spostata lejn il-lemin billi bin-naha ta' wara taghha kienet kwazi tlett metri l-boghod mill-'crown of the road', hija indikattiva illi l-manuvra li ghamel il-konvenut kienet li jipprova jiskapula l-attrici billi dahal fil-karreggjata opposta. Dan huwa fatt illi huwa indikattiv li l-attrici effettivament setghet kienet wieqfa fuq il-'crown of the road' u li huwa ma ndunax bil-presenza taghha u ipprova jiskapulaha lill-istess karozza tal-attrici billi jipprova jaqbiza minn fuq in-naha tal-lemin taghha b'rizultat li sehhet il-kollizzjoni.

Ghaldaqstant minn dawn ic-cirkostanzi ssib illi hija aktar verosimili l-verzjoni moghtija mill-attrici minn dik moghtija mill-konvenut u ghaldaqstant qeghdha tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-kollizzjoni in kwistjoni u ghalhekk responsabbli biex jaghmel tajjeb ghad-danni illi soffrew l-atturi.

Ghaldaqstant stante nuqqas ta' kontestazzjoni dwar il-quantum tad-danni, il-Qorti qeghda tilqa' it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi Fogg Insurance Agencies Limited is-somma komplessiva ta' (tlett mija u tnejn liri Maltin u tnejn u tmenin centezmi) Lm302.82 u lill-attrici Marisa Bugeja is-somma ta' Lm25 (hamsa u ghoxrin liri Maltin).

Bl-imghax legali mit-22 ta' Frar 1999.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

---------------------------------TMIEM---------------------------------